# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tallum il-Ġimgħa 10 ta' Jannar, 2025.**

**Rikors ġuramentat.: 273/2023MH**

**Numru: 15**

**Mary Borg u Tarcisio Borg**

**Vs**

**L-Awtorita' tal-Artijiet**

**1.Din hija deċiżjoni preliminari rigwardanti eċċezzjoni preliminari mressqa in difesa għall-azzjoni attriċi ta' *finium regundorum*.**

L-eċċipjenti Borg ressaq bħala l-ewwel eċċezzjoni preliminari hekk:

> *"Illi preliminarjament, din il-kwistjoni diga ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u sussegwentement kkonfermat mill-Qorti tal-Appell li l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova t-titolu tagħha fuq l-art mertu tal-kawza. Dan premezz tal-kawza fl-ismijiet Marg Borg vs l-Kummissarju tal-Artijiet, illum l-Awtorita' tal-Artijiet (rikors numru 1253/2008), deċiża*

> *nhar id-29 ta' Settembru 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu 2021. Għalhekk din il-kwistjoni għaddiet in res judicata."*

2. Illi kif ingħad l-attur f'din il-kawża qiegħed jitlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li tiffissa u tistabbilixxi l-konfini tas-sit *de quo agitur*. It-talba attriċi lil Qorti għalhekk taqra li:

> *"...okkorendo permezz t'opera ta' periti nominadi, tifissa u tistabilixi l-konfini tas-sit fuq imsemmija, kif aħjar deskritti fil-kuntratt ta' xiri tal-25 t'April, 2006 bħala l-artijiet magħrufa bħala ta' San Pawl tal-Qlejgħa fil-limiti tal-Imgarr kejl ta' madwar 75 metru kwadru."*

3. Tqis li d-difiża tar-res judicata temana minn deċiżjoni ikkonfermata mill-Appell li l-Qorti se tgħaddi biex tiċċita fit-tul in kwantu ġie mressaq li din fiha tmiss u iddeċidiet ġia wieħed mill-elementi *sine qua non* tal-judicat. Dan jingħad għaliex kif jargumenta il-konvenut, fis-sentenza msemmija, il-Qorti kienet qalet li ġej dwar ir-rivendika tal-proprjetà, (aċċertament ta' titolu) ittentata kontra dak iż-żmien il-Kummissarju tal-Artijiet. Dan kollu jitlaq mill-premess illi fis-sentenza kif se naraw il-Qorti mhux biss ċaħdet it-talbiet attriċi għar-rivendika ta' l-art minn għand il-Kummissarju ta' l-Artijiet, imma sabet ukoll li l-attriċi kienet qed tippretendi tagħha art li ma kienetx tappartjeni lilha.

4. Il-Qorti tal-Appell meta kienet qed titratta l-ewwel aggravju qalet dan:

*"8. Fl-ewwel aggravju l-attriċi tilmenta li sar apprezzament ħażin tal-provi tagħha. Argumentat: "Illi l-attriċi ppreżentat mhux biss il-kuntratt li biha xtrat, iżda ppreżentat kuntratti li juru l-provenjenza tal-art in kwistjoni sa mill-1985. Jidher illi l-ewwel Qorti sabiet diffikulta' biex tiddetermina l-entita' tal-art in kwistjoni mid-dokumenti esebiti. Pero' b'kull rispett lejn l-ewwel Qorti hija setat dejjem tinnomina perit tekniku biex jassistiha. In effetti l-art. 644 tal-Kap. 12 igħid illi perit jista' jiġi nominat kemm fuq talba talpartijiet jew ta'waħda minnhom, inkellha minn Qorti minn jeddha. Qiegħed jiġi sottomess bir-rispett illi l-ewwel Qorti kellha tinnomina perit u mhux tgħaddi biex tiċħad it-talba attriċi. Setat ukoll tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tinforma l-partijiet dwar il-problema li rriskontrat. "Illi l-ewwel Qorti minn badna l-oħra tat piż lill-pjanti u surveys eżibiti mill-konvenut. Dawn is-surveys pero huma biss indikazzjoni ta' x'inhuma l-artijiet li huma l-artijiet tal-Gvern. Il-prova hija kuntratti u mhux is-survey sheets. "Il-Qorti għamlet referenza għall-permess ta' DNO li eżebiet l-appellanti. Il-Qorti osservat illi DNO permit mhuwiex titolu. Dan hu ovvju. Iżda l-permess tad-DNO ġie eżebit bħala porva oħra b'żieda mal kuntratti u pjanti. Wara kollox il-Qorti stess, meta trattat il-provi miġjuba mill-Kummissarju appellat, tenniet illi l-liġi tippermetti kull sura ta' prova dwar dominju. Għalhekk hija s-sottomissjoni tal-appellanti li dan l istess kejl ried jintuża għar-rigward tal-provi tal-appellanti wkoll, u mhux kejl għall-provi tagħha u kejl ieħor għall-provi tal-Kummissarju appellat".*

*9. L-attriċi tipponta subgħajha lejn il-Qorti u targumenta li naqset meta ma nkarigatx perit tekniku. In-nuqqas hu tal-attriċi u mhux tal-Qorti. Fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2010 xehed Carmel Camilleri uffiċjal tad-Dipartiment tal-Artijiet u ppreżenta aerial photo fejn hemm indikat b'mod ċar liema hi l-art tal-Gvern u l-porzjon art li l-Gvern qiegħed isostni li hi okkupata illegalment (fol. 212). Waqt is-seduta ġie verbalizzat:*

*"Il-Qorti stiednet lill-attriċi biex fid-dawl tad-dokument imressaq waqt ix-xhieda tal-lum u liema dokument l-avukat tal-attriċi ingħata kopja tiegħu waqt is-smigħ, tirregola l-posizzjoni tagħha rigward il-konfini tal-proprjeta miksuba minnha fil-konfront tal-art rivendikata mill-intimat*

*"Il-Qorti qiegħda tagħti lill-attriċi żmien sal-31 ta' Lulju 2010 biex tagħmel dan, u qiegħda tawtorizzaha sabiex, minkejja d-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tagħha waqt is-smigħ tat-2 ta' Marzu 2010, tressaq kopji awtentikati ta'dokumenti uffiċjali illi jitfgħu dawl fuq dan il-kweżit".*

*10. Għal raġunijiet li taf l-attriċi, baqgħet ma ppreżentatx it-tagħrif li ntalbet mill-Qorti tal-ewwel grad. Għalhekk ma tistax f'dan l-istadju tilmenta li kien hemm xi nuqqas tal-ewwel Qorti. In-nuqqas kien tagħha u ta' ħadd iktar ġialadarba baqgħet passiva għall-opportunita` li tatha*

*lewwel Qorti, u dan minkejja li f'dak l-istadju l-provi tagħha kienu diġa` magħluqa.*

*11. Għal dak li jirrigwarda l-permess Development Notification Order (DNO), l-ewwel Qorti għandha raġun li m'huwiex prova li jikkorabora li l-attriċi hi s-sid tal-art in kontestazzjoni. L-attriċi bbażat il-pretensjoni tagħha fuq il-kuntratt ta' akkwist tal-20 ta' April 2006. L-eżistenza tad-DNO ma jistax iservi bhala korraborazzjoni li hi s-sid tal-art in kwistjoni. Ordni bħal dik ma tiddeterminax min hu s-sid u kif qalet l-ewwel Qorti, ".... huwa magħruf ukoll li mqar li l-attriċi kisbet (bis-saħħa ta' talba magħmual mill-awtur tagħha fit-titolu) permess eżegwibbli biex tagħmel xi żvilupp fuq l-art li għandha fil-pussess tagħha, dan ma jnaqqas jew jaffetwa bl-ebda mod xi drittijiet li terzi persuni jista' jkollhom fuq l-istess art". Raġunament li japplika iktar u iktar f'DNO fejn żgur li ma ssirx xi indaġni dwar min hu lproprjetarju fejn ikun ser isir l-iżvilupp. Inoltre, fil-każ in eżami d-DNO lanqas biss sar mill-attriċi.*

*12. Rilevanti ukoll dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn qalet:*

*"...... il-Qorti qieset bir-reqqa l-pjanta li hija mehmuża mal-kuntratt tal-qasma fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri tas-6 ta' Ġunju, 1985, u rat li lanqas minn dan id-dokument ma setgħet tasal biex tiddetermina l-art fejn hi. Dan qed jingħad fl-ewwel lok għaliex is-site plan fuq il-pjanta 'E' annessa mal-kuntratt tas-6 ta' Ġunju, 1985, li fuqha kellha tkun immarkata bi preċiżjoni l-art ġiet, fil-kopja ppreżentata mill-attriċi fil-kawża, f'parti minnha mħollija barra; fit-tieni lok, għalkemm il-porzjon tal-art li messet lil Carmela Azzopardi (il-ħames porzjon) jissemma li tmiss mil-lvant ma' wied (indikata fuq il-pjanta Dok. 'E' bħala watercourse), mid-deskrizzjoni tal-istess proprjeta' fuq il-kuntratt ta' qasma, l-art ġiet deskritta li mit-tramuntana tmiss ma' ġid ta' Angelo Mifsud (jew l-aventi kawża tiegħu), mix-xlokk mat-triq magħrufa bħala ta' San Pawl tal-Qlejgħa, u mill-punent ma' porzjon art immarkata fuq il-pjanta dok. 'E' bl-ittra 'D'. Illi meta l-Qorti qabblet l-irjieħ tal-art li fuqha bniet l-attriċi mal-ortho photo imressqa mil-Kummissarju imħarrek, ħareġ illi l-art li tinsab f'idejn l-attriċi tmiss mal-wied kemm mittramuntana kif ukoll mil-lvant. Mhux hekk biss, iżda jidher ċar li biċċa sewwa mill-art li tinsab f'idejn l-attriċi ħarġet 'il barra mill-konfini tal-art li kienet imdaħħla fil-kuntratt tal-qasma tal-1985. Għalhekk f'dan irrigward, il-Qorti ma tistax taqbel mal-attriċi meta tissottometti li 'l-art mertu ta' din il-kawża hija parti mill-art kollha li kienet il-mertu talkuntratt ta' diviżjoni' (tal-1985) meta l-fatti jixhdu li l-attriċi għandha fil-pussess tagħha art li tidher li taqa' 'l barra mill-art maqsuma b'dak ilkuntratt. Il-Qorti tkompli tqis li jekk wieħed kellu jkejjel l-art li tinsab f'idejn l-attriċi, wieħed ma jdumx ma jara li f'idejha l-attriċi għandha ġid li jaqbeż sewwa*

*l-ħamsa u sebgħin metru kwadru (75m2) li jissemma fil-kuntratt li bih kisbitu. Ladarba dan jidher li huwa tabilħaqq il-każ, jaqa' fuq l-attriċi li turi li hija għandha titolu tajjeb ukoll dwar dik il-parti tal-art li tinsab f'idejha (u li hija l-biċċa l-kbira ta' dak il-ġid) li ma kinitx parti mill-art maqsuma bejn l-aħwa Vella fl-1985"*

*13. L-attriċi m'għamlitx argument wieħed li b'xi mod jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti li l-ewwel Qorti għamlet żball ta' fatti ċari f'dak li qalet f'din ilparti tas-sentenza appellata. L-oneru tal-prova kien fuq l-attriċi, li baqa' ma ġiex sodisfatt. Għall-finijiet ta' prova dwar proprjeta` ma kienx biżżejjed li l-attriċi tibbaża fuq il-kuntratt ta' akkwist tagħha (25 ta' April 2006), 18 ta' Diċembru 2001, tat-22 ta' Novembru 2003 u tal-21 ta' Diċembru 2005. Lanqas ma kien biżżejjed il-kuntratt ta' diviżjoni tas-6 ta' Ġunju 1985 li żgur m'huwiex xi titolu oriġinali. Dan apparti li f'dak ilkuntratt hemm pjanta mehmuża (fol. 34) u l-porzjon assenjata lil Carmela Azzopardi tikkonfina mal-watercourse. Il-provi juru li l-porzjon art mertu tal-kawża li dwarha l-attriċi għandha diżgwid mal-Awtorita` tal-Artijiet, qiegħda fil-parti l-kbira proprju fil-watercourse. Dan apparti li hemm kuntratt ieħor datat l-1 ta' Diċembru 1993 pubblikat min-nutar Pierre Falzon (fol. 169) li bih Carmela Azzopardi u żewġha biegħu lil Joseph Vassallo porzjon art b'kejl 620 metri kwadri fejn mit-tramuntana jingħad li l-art tikkonfina ma' beni ta' Philip Mifsud u lvant mal-Wied tal-Qlejgħa. Dan ikompli jsaħħaħ ir-raġunament tal-ewwel Qorti.*

*14. Il-Qorti tkompli żżid li l-kuntratt tat-18 ta' Diċembru 2001 pubblikat min-nutar Dr. Anthony Abela ukoll fih pjanta. B'dak il-kuntratt il-konjuġi Vassallo (li fl-1993 akkwistaw mingħand Carmela Azzopardi) biegħu 345 metri kwadri tal-art li xtraw mingħand Azzopardi, lil Simon Bartolo u Loranne Vella. Pjanta li għandha skala ta' 1:100 li hi l-istess skala talpjanta mehmuża mal-kuntratt ta' akkwist tal-attriċi u saret mill-istess uffiċċju ta' periti. Meta tagħmel paragun bejn iż-żewġ pjanti hu altru milli evidenti li l-art oġġett tal-kuntratt ta' akkwist tal-attriċi fil-parti l-kbira taqa' barra mill-konfini tal-art li akkwistaw il-konjuġi Vassallo bil-kuntratt tat-18 ta' Diċembru 2001. Fatt li jkompli jsaħħaħ il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti. Interessanti wkoll li l-perit Chris Grech, li fuq iż-żewġ pjanti hemm stampat l-isem tal-uffiċċju tiegħu, b'kuntratt tat-22 ta' Novembru 2003 biegħ lill-konjuġi Pace dawn il-famużi 75 metri kwadri. Fil-kuntratt il-partijiet iddikjaraw li l-garanzija tal-paċifiku pussess hi eskluża. Kull kumment ieħor ikun superfluwu.*

***15. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel Qorti kellha raġun tikkonkludi li ".....l-fatti jixhdu li l-attriċi għandha fil-pussess tagħha art li tidher li taqa' 'l barra mill-art maqsuma b'dak il-kuntratt". Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju."*** <u>(tipa grassa enfasi ta' din il-Qorti.)</u>

5. Ċitat dan, biex il-Qorti tgħaddi biex teżamina jekk din l-eċċezzjoni għandhiex mis-sewwa jkun opportun li tagħmel referenza għall-ġurisprudenza nostrali li hija korjuża fir-rigward.

Insibu li ngħad hekk:

-fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Michelle Paula Spiteri vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex**[1]**:**

> *"Res Judicata*
>
> *Illi l-konvenut eccepixxa li l-kwistjoni odjerna hija llum kolpita bil-gudikat.*
>
> *Illi huwa ben stabilit li sabiex din il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni jridu jikkonkorru tliet elementi u cioe` dawk definiti bhala l-"eadem causa petendi, eadem personam u eadem res" u dan ifisser li sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li ghandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-gudikat ta' sentenza ohra, jehtieg illi jirrizulta illi fil-fatt fiz- zewg kawzi hemm l-istess partijiet, l-istess oggett u l-istess natura tal-kawza jew kawzali.*
>
> *Illi huwa mportanti li jinghad li dwar il-kuncett purament civili ta' res judicata kif sancit fl-**artikolu 730 tal-Kap.12** l-eccezzjoni tar-res judicata ghandha dejjem tigi deciza b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ggib in-nullita' tas-sentenza1.*
>
> *Illi fis-sentenza **Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et** intqal li:-*
>
> *"Eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt izda hi wahda ta' natura prettament guridika. Huwa importanti pero', u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-gurisprudenza stabbilita in materja izda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedenti………."*

[1] Deċiża 5 ta' Lulju, 2013. Citazzjoni Numru. 6/2012

*"Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni ohra tigi ribadita l-enuncazzjoni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet* ***'Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et',*** *Appell Kummerc, 5 ta' Novembru 1934":-.*

*"Illi dan peress "exceptio rei judicatae" ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex "interest rei publicae ut sit finis litiu". Sentenza li ghaddiet "in giudicatio", jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma tajba u sewwa u tal-haqq - "res judicata pro veritate habetur" – jigifieri l-fundament tal- "actio" u tal-"exceptio judicat"' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija "strictissimae interpretationis".*

*Illi, min-naha l-ohra, dan il-principju huwa bilancjat b'dak l-iehor daqstant importanti li, fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma tistax issir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is- sentenza. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga' jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza.*

*Illi ghalhekk isegwi li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat mal-ezistenza ta' sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintaghmlu u li jwasslu ghal dik is-sentenza; fuq dan il-punt inghad diversi drabi li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-causa petendi fit-tieni provediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat"*

- fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Maria Assunta Spiteri vs Joseph u Dorianne konjuġi Micallef**[2] insibu li:-

[2] Deċiża 3 ta' Diċembru, 2010; 71/2010

*"3. Hu minnu li fl-ewwel kawza ma kenitx inghatat eccezzjoni li l-ftehim kien minghajr kawza jew maghmul fuq kawza falza. B'daqshekk ma jfissirx li Spiteri ghandha dritt li tipprova twarrab l-effetti tas-sentenza li nghatat fl-4 ta' Frar 2009 billi tintavola kawza u taghmel dak li suppost ghamlet fl-ewwel kawza jew f'kawza li setghet ipprezentat waqt is-smiegh tal-ewwel kawza. Il-Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Joseph Vella vs Emanuel Falzon*** *deciza fil-25 ta' Frar 1997, osservat:-*

*".... l'exceptio rei judicatae ghandha bhala fundament il-fatti ta' l-interess pubbliku u wkoll, ghax 'interest reipublicae ut sit finis litium'. Hu car illi kemm l-oggett tal-prezenti kawza, kif ukoll dak tal-kawza deciza bis-sentenza tat-2 ta' Marzu 1993, hu l-ezekuzzjoni ta' l-istess appalt koncess mill-appellant odjern u kummissjonat minnu, u l-pagament tal-prezz miftiehem ghal tali xoghol. Hu ovvju li fis-sostanza, iz-zewg azzjonijiet huma iz-zewg faccati ta' l-istess midalja naxxenti mill-istess negozju. Fl-ewwel kawza l-attur jitlob il-pagament ghax-xoghol minnu ezegwit u ghal dik it-talba l-konvenut seta kieku ried jopponi illi l-pagament ma kienx dovut ghaliex ix-xoghol ma kienx sar skond l-arti u s-sengha. Eccezzjonijiet li jifformaw proprju il-premessi ghat-talbiet fl-azzjoni odjerna.*

*...... l-Qorti izzid dan, multo magis,* ***meta l-appellant kellu kull opportunita li jikkontesta proprju l-premessi avanzati ghat-talbiet tieghu fil-kawza odjerna u dana permezz ta' eccezzjonijiet ghat-talba ta' l-appellat ghall-pagament ta' dak li kien allura diga' jaf li kien xoghol, skond hu, difettuz u mhux skond l-arti u s-sengha.*** *".*

*F'dan il-kuntest il-gurisprudenza li ghamlu riferenza ghaliha l-konvenuti hi wkoll rilevanti. Hekk per ezempju l-Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Carmelo Panzavecchia vs Constantino Caruana*** *deciza fil-11 ta' Gunju 1956 (Volum XL.i.555) osservat:-"il-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien imissha jew setghet tigi sollevata in relazzjoni ma' l-azzjoni stess; bil-konsegwenza li mhumiex ammissibbli eccezzjonijiet godda li jkollha bhala effett li jannullaw jew jillimitaw l-effetti ta' dak il-gudikat.". Il-qorti kompliet "Infatti, il-gudikat isir mhux biss rigward dak li gie espressament diskuss, 'ma ancora a quanto avrebbe dovut discutersi e non fu discusso dalla parte che doveva discutere per la propria istanza od eccezione" (Vol. XXXIV.i.74)."*

## A. <u>PRINCIPJU TA' RES JUDICATA.</u>

*Illi fil-fatt huwa principju ormai stabbilit li sabiex tirnexxi din l-eccezzjoni ta' res judicata "iridu jikkonkorru tliet rekwiziti:-identita` tal-persuni, identita` tal-oggett u l-identita` tal-kawza".* ***("Joseph Tanti vs Anthony Ciappara et"*** *– P.A. (A.D.) 5 ta' April 1993;* ***"Dottor Joseph Fenech nomine vs Antonio Axiaq et"*** *– A.C. 8 ta' Marzu 1995) jew kif gew deskritti "eadem res, eadem personae u eadem causa petendi"* ***("Edward Busuttil vs Direttur tar-Registru Pubbliku"*** *– A.C. 5 ta' Marzu 1984 – LXVIII.ii.107);* ***"Raymond Sciberras vs Hugh P. Zammit nomine" –*** *P.A. (G.C.) 15 ta' Jannar 1997 – LXXXI.iii.7).*

***(1) "Eadem Res"***

*Illi a rigward ta' l-"eadem res", din tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghal talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Illi fis-sentenza* ***"Joseph Ellul Mercer noe et vs Albert Borg Olivier de Puget et"*** *(Appell 7 ta' Frar, 1958, Vol. XLII. I. 5; p. 10), il- Qorti sostniet li:-*

*"wiehed mir-rekwiziti li jehtieg jikkonkorru sabiex jista' jigi nvokat il-gudikat hu dak ta' l-identita` tal-oggett ('eadem res').*

*Illi f'* ***"Camilleri vs Baldacchino"*** *(P.A. 5 ta' Mejju,1898, Vol. XVI. II. 253. pg 255), l-Imhallef P. de Bono rrikonoxxa li "….La diversita` dell'oggetto fa mancare lo estremo essenziale dell'identita` della cosa giudicata".*

*Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija cara: sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk din hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza precedentement. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita` mhix ostaklu ghall-talba gdida ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.*

*Illi mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta' kif ghandha tigi determinata l-identita` ta' l-oggett jidher illi l-ahjar mod hu li tezamina jekk il-kwistjoni mqajjma fit-talbiet attrici gietx jew le deciza minn sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Illi ghalhekk, wiehed irid jara jekk*

*il-punt imqajjem fl-istess talbiet gewx determinati mis-sentenza l-ohra jew jekk baqax irrisolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun giet diskussa u deciza, allura jkun hemm l-identita` ta' l-oggett.*

*Illi f'dan ir-rigward huwa rilevanti dak li inghad fis-sentenza* ***"Camilleri vs Pace"*** *(A.C. 5 ta' Novembru 1951 u cioe':-*

*"Per decidere se vi sia cosa giudicata, in quanto si controverte se sua seconda domanda abbia carettere di novita` o piuttosto presenti identita` della 'causa petendi', gia sperimintata in altre precedente, si deve aver rigaurdo non soltanto al titolo o nome dell'azione, nonche' alla legge invocata, ma altresi al diritto conteso, all'intento ed al fine la parte si propone di conseguire"*

*-Ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited***[3]

*"Illi inoltre' f'* ***"Assunta Cassar vs Dr. Carmelo Zammit noe"*** *(A.C. 10 ta' Dicembru 1956 - Vol. XL. I. 402) gie rilevat li "... ghalkemm biex jista' jigi nvokat il-gudikat hemm bzonn l-identita` tal-oggett, din l-identita` m'hemmx bzonn tkun assoluta". Dan il-principju gie reiterat* ***f' "Catherine Portelli vs Joseph Cachia et."*** *(Q.K. 10 ta' Dicembru 1992 - Vol. LXXVI. I. V. 719) fejn il-Qorti tenniet li "dwar l-identita` tal-haga mitluba hu pacifikament ammess li mhux necessarju li l-identita` tkun assoluta u materjali izda bizzejjed l-identita` guridika".*

***(2) "Eadem Causa Petendi"***

*Illi* ***f' "Don Vincenzo Galea noe vs Luigi Camilleri"*** *(P.A. 15 ta' Frar 1957 - Vol. XLI. II. 900) il-Qorti qalet li "wiehed mill-elementi tar-"res judicata" hija l-"eadem causa petendi". Din il-kondizzjoni tirrikjedi li*

[3] Citazzjoni Numru: 1209/00/RCP deċiża , 9 ta' Jannar 2002 (mhux appellatta). .

*"the cause of the claim" kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat.*

*Illi l-Prof. Caruana Galizia* ***f'"Notes on Civil Law"*** *(Pt. IV p.1428) spjega li l-causa petendi hi "the title on which the demand is based". Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioe', l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-"eadem causa petendi" tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.*

***(3) "Eadem Personae".***

*Illi f'****"Charles Grixti vs Salvino Schembri et"*** *(Appell 11 ta' April 1958 - Vol. XLII. I. 198), inghad li "biex din l-eccezzjoni tista' tirnexxi hemm bzonn li jigi ezaminat jekk jikkonkorrix l-ewwel element tal-gudikat, dak jigifieri, jekk is-sentenza ga msemmija kienitx giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni li jidhru bhala kontendenti fil-kawza odjerna". Illi f'****"Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia"*** *(P.A. 13 ta' Frar 1958 - Vol. XLII. II. 917) il-Qorti qalet li "biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg… li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni…".*

*Illi pero` dan ma jfissirx li "l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna li l-presenza taghhom ma kinietx verament necessarja mill-aspett legali"* ***("Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et" –*** *A.C. 2 ta' Lulju 1996 – LXXX.ii.804). Illi dawn is-sentenzi u l-principji kollha gew applikati fis-sentenza* ***"Registratur tal-Qrati Superjuri vs. M of Time Limited" –*** *P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000 – Citaz. Numru 1247/99/RCP) fejn dwar il-kaz pendenti quddiemha sostniet:-.*

*"Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz "de quo" jirrizulta li ghalkemm l-oggett taz-zewg talbiet huma l-istess ghalkemm f'terminologija differenti, pero` xorta wahda l-"eadem res" mhux soddisfatt – ir-raguni hija li l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-mertu tat-talba li kellha quddiemha, pero` illimitat ruhha li tichad it-talba peress li l-procedura adotta kienet wahda hazina. Illi ghalhekk isegwi li ma kien hemm l-ebda decizjoni dwar*

*is-sustanza tat-talba li kellha quddiemha dakinhar u li ghandha quddiemha l-Qorti kif illum presjeduta".*

6.Stabbiliti dawn il-prinċipji li jirregolaw l-elementi tal-ġudikat f'kull element tiegħu, nsibu li din l-eċċezzjoni, kif sew jirriżulta mit-trattazzjonijiet tal-partijiet, tistrieħ fuq element wieħed ta' dan l-istitut, senjatament dak ta' *eadem causa petendi* għax m'hemm ebda kontestazzjoni li kemm ir-res (il-biċċa ta' l-art) ukoll il-personae (il-partijiet) huma l-istess kemm fil-kawża deċiża mill-Appell ukoll f'din odjerna.

7.Fil-fatt l-argument imressaq u dibattut mill-partijiet hu jekk il-kawża deċiża hux tali li fiha nnisha timpedixxi anke l-azzjoni hawn proposta għaliex tolqot il-mertu ukoll deċiż fl-istess anke jekk l-azzjoni originali kienet ta' natura sostantiva differenti.

8.L-ewwel Qorti ddeskrivit il-kawża lilha proposta hekk:_ ***" Illi l-azzjoni attriċi hija waħda ta' aċċertament ta' titolu, bil-pussess fiżiku ta' l-art in kwistjoni f'idejn l-attriċi..."[4].*** Fid-deċiżjoni tagħha kif ċitat supra, il-Qorti tal-Appell kienet ċara li l-attriċi ma rrnexxilhiex tiprova l-konfini ta' l-art minnha rivendikata, oltre għall-fatt li kienet qed tidditjeni art oltre dak li akkwistat, biex

**[4] Għalhekk mhux actio rei vindicatoria kif igħid id-difensur tal-konvenut fit-trattazzjoni.**

ma ngħidux ukoll li anke it-titolu ta' l-art in kontestazzjoni ma kienx aċċettat mill-Qorti.

9.Illi f'dan l-istadju jkun ukoll opportun li jiġi spjegat sew l-elementi ta' l-azzjoni odjerna ttentata u dan bl-għajnuna ta' ġurisprudenza relattiva. Ingħad li fl-azzjoni imsejjħa *"**Actio finium regundorum***

> *"Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **"Tamarac Limited, Vitrex Limited et v. County Leatherware Ltd."** (A.C -19 ta' Jannar, 2010) fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell ri-affermat li "l'azione di regolamento di confini presuppone l'incertezza del confine tra due fondi. I rispettivi titoli di proprieta` delle parti non sono contestati; cio` che e` incerto e che l'azione tende ad accertare e l'estensione della proprieta contingue e, quindi, il confine ..... Questa azione ha la natura di una rivendica parziale e presenta alcune particolarita`: ciascuno delle parti e`, al temp stesso, attore e convenuto." **(Torrente Diritto Privato pag 307).***
>
> *Illi fl-istess decizjoni inghad li f'kazi bhal dawn "non e` ammissibile questa azione nel caso che qualunque sappia precisamente i propri confini, e sostenga che il vicino li abbia oltrepassati; poiche` in tal caso ha luogo l'azione rivendicatoria.' Hainberger, Diritto Romano Privato Puro, para 588; Laurent VI. VII pag. 373 para 419; Baudry Lacantinerie Dei Beni, pag 566 para 910, kwotati fis-sentenza F. Debattista v. A. Grech 23/4/51)."*
>
> *Illi ghalhekk l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell qalet li l-azzjoni finium regundorum hi azzjoni li tista' tigi tentata b'success fil-kazijiet fejn hemm xi dubju dwar il-konfini bejn proprjeta` u ohra. Fis-sentenza **"Victor Mangion et v. Raphael Aquilina et"** (P.A. (PS) - 9 ta' Marzu, 2005) giet citata b'approvazzjoni s-sentenza fl-ismijiet **"Albert Mizzi nomine v. Rita Azzopardi et"** (P.A. - 27 ta' Marzu, 1996) fejn inghad li "f'din l-azzjoni reali u petitorja ma humiex id-drittijiet rispettivi tal-proprjeta` li jitqeghdu in diskussjoni imma l-iskop tal-azzjoni hu dak li jtendi unikament biex tigi eliminata l-incertezza dwar id-demarkazzjoni bejn zewg fondi, u b'hekk is-sitwazzjoni ta' fatt tigi adegwata ghal dik ta' dritt." Dik il-Qorti kompliet hekk: "Tajjeb li jigi precizat illi tali azzjoni ma titlifx in-natura*

*rikonjittiva taghha lanqas fil-kaz li l-eliminazzjoni tal-incertezza ggib maghha l-obbligu tar-rilaxx ta' dik il- porzjoni indebitament posseduta."*[5].

10. Ċar li l-*actio finium regondorum* hija waħda petitorja spettanti biss lis-sid ta' art kontigwa.

Illi ndubbjament joħrog ċar meta wieħed jirreferi għas-sentenza ta' l-Appell *supra ċitata* illi l-attriċi qegħda terġa' tittenta li tiftaħ paġna oħra taħt azzjoni differenti għaliex falliet fl-ewwel azzjoni tagħha. Ġia ġie stabbilit li l-attriċi falliet fil-prova tagħha tal-konfini ta' dak minnha suppost akkwistat fil-kuntratt ta' kompr-vendita. B'din l-azzjoni odjerna, fejn qed titlob il-Qorti tagħmel din id-dimarkazzjoni permezz ta' dikjarazzjoni ġiudizzjarja, mhu qed tagħmel xejn ħlief milli terġa' tipproponi azzjoni diversa biex tilħaq l-istess għan. Jekk kellha xi provi xi tressaq imissha għamlet dan fl-ewwel kawża. Setgħet faċilment talbet Hl l-ħatra t' espert tekniku biex jgħinha fl-azzjoni minnha proposta. Kif sew qalet il-Qorti tal-Appell.

---

[5] **David Vella et. Vs Victor u Juliette Mercieca** deċiża 26 ta' Gunju 2003: Ċitaz. Nru. 935/98 ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-l-5 ta' April, 2013

11. In linea mal-ġurisprudenza ċitata ssib illi għalkemm it-talba fil-kawża preċedenti kienet dik ta' dikjarazzjoni u aċċertament ta' titolu tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, is-sentenza kemm tal-Prim'Awla wkoll dik tal-Appell, moqrija fit-totalita' tagħhom, iddeċidew ukoll li l-attriċi naqset li tiprova l-konfini ta' l-art minnha reklamata bħala tagħha, allura l-*actio finium regondorum* llum mhux waħda aktar proponibbli.

**Ftit għandha xi tgħid iżjed din il-Qorti fir-rigward ħlief li tilqa' l-eċċezzjoni mressqa tar-res judicata, bl-ispejjeż ta' din l-istanza għall-attriċi.**

**Onor Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ**